MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru 263/2008

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
JOSWA FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joswa Fenech, ta’ 24 sena, iben Tarcisio u Salvina nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Ottubru, 1983, residenti numru 84, Triq Santa Katerina, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 584083(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-28 ta’ Marzu, 2008, ghall-habta tas-2p.m. u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’Hal Qormi u/jew fi bnadi ohra ta’ Malta:

1) Assocja ruhu flimkien ma persuni ohra, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta, u cioe serqa aggravata (*hold-up)* u/jew sekwestru ta' persuna/I fl-istabbiliment Gold Play fi Triq il-Kardinal Xiberras, Qormi, ghal liema delitt hemm piena ta' prigunerija;
2) Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-valur, li ma jeccedix elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u seba' u tletin centenzmi (Euro 2329.37) u bil-vjolenza;
3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew f'dawn l-ahhar xhur, akkwista, kellu fil-pussess tieghu, ghal liema ghan ikun, zamm jew importa arma regolari, u cioe' pistola tal-marka Phoenix Arms, mudell Raven .25 Auto, numru tas-serje 3033926, u l-munizzjoni elenkati fl-Iskeda I ta' l-Att Dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew f'dawn l-ahhar xhur zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, u cioe' pistola tal-marka Phoenix Arms, mudell Raven .25 Auto, numru tas-serje 3033926, u munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att Dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi;
5) Aktar, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'Hal Qormi, waqt li kien qed jigi arrestat ghal delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
6) U aktar, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, u/jew matul dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer, naqas li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih meta akkwista jew giet f'idejh arma tan-nar u/jew munizzjoni xort'ohra milli b'licenza skond il-Ligi;
7) Iktar, talli wara li diga kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' oggetti li ma humiex tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif dawn gew legittimament ghandu;
8) Fl-ahharnett, nakkuzawh wkoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta wara li hu ga gie misjub hati b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fil-konfront ta’ l-imputat;

Rat il-Verbal tat-15 ta’ Ottubru 2009 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Joswa Fenech, hati skond l-akkuza ghajr ghat-tmien (8) akkuza (stante’ illi l-imputat m’huwiex ricediv mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni) li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 48A, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 3(a), 5(1), 41, 51, 55, 56 u 57 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Joswa Fenech ghal perijodu ta’ prigunerija ta’ ghaxar xhur li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv.

Din il-Piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat, l-eta’ giovanili tieghu u l-fedina penali nadifa tieghu, u l-gravita’ tar-reati adebiti lilu (associazzjoni ta’ *hold-up* b’armi regolari), li ma jippermettux konsiderazzjoni ta’ piena alternattiva ghal dik ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------